MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 632/2002/1

**Maria Concetta sive Connie Lewis**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi hija twieldet Malta fis-16 t'April 1927, u dan it-twelid gie registrat fil-5 ta' Mejju 1927 u inghata n-numru ta' iskrizzjoni 3150/1927 (Dok.A).

Illi l-genituri taghha, kunjomhom Cachia, xtaqu jsemmuha "Connie", liema isem dak iz-zmien kienu jirregistrawh bhala "Maria Concetta".

Illi hija dejjem u konsistentement kienet maghrufa u msejha mill-familjari taghha bl-isem "Connie" sa mit-twelid taghha sal-lum, u gieli kienet tissejjah ukoll "Mary Connie";

Illi hija ghandha interess li c-certifikat tat-twelid taghha ikun jirrifletti l-isem li hija kienet tissejjah bih konsistentement, u ghalhekk li temendah *ai termini* ta' **artikolu 253 subinciz (2) tal-Kodici Civili**;

Illi l-attrici m'ghandhiex ulied, izda kienet izzewget lil James Lewis fit-8 t'Ottubru 1945, liema zwieg igib in-numru ta' iskrizzjoni 1756/1945 (Dok.C), l-attrici ghandha interess li anke dan ic-certifikat jigi emendat biex jirrifletti it-tibdil li qed jintalab fic-certifikat tat-twelid, u dan *ai termini* ta' **artikolu 253 subinciz (3) tal-Kodici Civili**.

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-attrici, ufficjalment msemmija Maria Concetta, kienet konsistentement imsejha u maghrufa bhala Connie;

2. Tordna li l-Att tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3150 ta' l-1927 jigi emendat fis-sens li kemm fil-kolonna intestata *Ismijiet moghtijin* kif ukoll fil-kolonna intestata *Isem jew Ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi msejha,* l-ismijiet "Maria Concetta" jigu sostitwiti bl-isem "Connie".

3. Tordna li l-Att taz-zwieg ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1756 ta' l-1945 jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata *Isem u Kunjom il-mara mizzewga,* l-ismijiet "Mary Concetta" jigu sostitwiti bl-isem “Connie".

L-intimat huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 11 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Settembru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku a fol. 20 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti .

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 3150/1927 fl-Att taz-Zwieg numru 1756/1945 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghal-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b'din ic-citazzjoni skond l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 20 u 21 tal-process;

Rat il-verbal tat-30 ta' Jannar 2003 fejn dehret l-attrici assistita minn Dr Leslie Cushieri li ddikjarat id-dikjarazzjoni attrici, u Dr Hubert Theuma ghall-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku. Dr Cuschieri talab li fit-tielet talba attrici il-kliem li jidher fl-ahhar tat-talba u cjoe` ‘bl-ismijiet “Mary Connie”’ jigu sostitwiti bil-kliem ‘fl-isem ”Connie”’. Il-Qorti tilqa' t-talba. Dr. Theuma ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta u jirrimetti ruhu ghall-provi u ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Cuschieri prezenta affidavit tal-attrici b'kopja lill-kontro-parti u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Frar 2003.

Rat l-affidavit prezentat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attrici, numru 3150/1927 u kif ukoll fic-certifikat taz-zwieg tal-istess attrici numru 1756/1945 *stante* li l-istess attrici qed issostni li dejjem kienet maghrufha bl-isem ta' "Connie" u mhux "Maria Concetta" kif jinsab indikat fl-istess Certifikati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Maria Concetta" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Connie", u dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti fil-kawza *seduta stante* mal-affidavit tal-istess attrici.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li l-attrici, ufficjalment msemmija Maria Concetta, kienet konsistentement imsejha u maghrufa bhala Connie;

2. Tordna li l-Att tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3150 ta' l-1927 jigi emendat fis-sens li kemm fil-kolonna intestata *Ismijiet moghtijin* kif ukoll fil-kolonna intestata *Isem jew Ismijiet li bih it-tarbija ghandha tigi*

*msejha,* l-ismijiet "Maria Concetta" jigu sostitwiti bl-isem "Connie".

3. Tordna li l-Att taz-zwieg ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1756 ta' l-1945 jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata *Isem u Kunjom il-mara mizzewga,* l-ismijiet "Mary Concetta" jigu sostitwiti bl-isem “Connie".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**